**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Ripoli Fulvio**

**Kumpilazzjoni Numru: 240/18**

**Illum, 16 ta' Dicembru, 2019**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi fil-konfront tal-imputat **Ripoli Fulvio** detentur tal-karta tal-identita` numru 158146A akkuzat talli fit-18 ta' April 2018 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija {7.30pm} u/jew hinijiet wara gewwa Pjazza Redent Gauci Fgura u/jew

f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuele Costa mill-Italja Dr. Mark Grech Reg 2905 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel lil Emanuele Costa ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Ukoll talli fl-istess ciurkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Emanuele Costa u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota datata dsatax (19) ta' Dicembru elfejn u tmintax (2018) tal-Avukat Generali li biha elenka x'inhuma l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':-

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215 u 216(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tad-difiza izda mhux tal-prosekuzzjoni ghaliex wara li nghatat zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjoni din baqghet ma pprezentathiex;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat aggressjoni mill-imputat fuq Emanuele Costa fid-data tat-tmintax (18) ta' April elfejn u tmintax (2018) fi Pjazza Redent Gauci, Fgura.

Semghet ix-xhieda ta' Emanuele Costa datata 7 ta' Mejju 2018 fejn spjega li hu u t-tfajla tieghu marru jiltaqghu mal-imputat biex jaghtuh €900. Id-data inkwistjoni ma setax jiftakarha. Spjega li l-imputat beda jdur mat-tfajla tieghu u meta x-xhud

avvicinah l-imputat beda jinsultah u tah daqqa b'rasu fejn laqat lix-xhud fuq in-naha tax-xellug ta' ghajnejh. Huwa spjega li dak il-hin hareg hafna demm u ma beda jara xejn u marru dritt lejn l-ghassa. Ix-xhud ikkonferma d-dettalji tieghu fuq ic-certifikat mediku (Dok. SZ5).

Semghet ix-xhieda ta' Lucrezia Liburti datata 7 ta' Mejju 2018 fejn spjegat li l-imputat huwa l-*ex boyfriend* taghha u li hija xtrat il-karozza tieghu fejn kellha ttih €900 ohra. Meta marret biex ittih il-flus hija riedet l-i*spare key* tal-vettura izda qalilha li ma kellux ic-cavetta fuqu u ghalhekk hija ma riditx ittih il-flus. Dak il-hin spjegat li l-imputat gie aggressiv u l-*boyfriend* taghha Emanuele gie hdejhom. Qalet li l-imputat l-ewwel ipprova jaghti lil Emanuele daqqa ta' ponn u meta Emanuele

rnexxielu jevita d-daqqa, l-imputat tah daqqa ta' ras. Dak il-hin marru immedjatament l-ghassa.

Semghet ix-xhieda ta' Alessio Cotti Zelardi datata 7 ta' Mejju 2018 fejn qal li kien gewwa bar jiehu birra u ra lil kuginuh Fulvio ma' Lucrezia u sema' li hija ma riditx ittih il-flus gjaldarba hu ma kellux ic-cavetta. Imbaghad ra ragel imur hdejn kuginuh u x-xhud ghalhekk mar hdejhom biex jikkalma s-sitwazzjoni. Meta wasal hdejhom qal li kuginuh kien diga' mal-art u hu mar biex iwaqqaf lill-persuna l-ohra. Meta kuginuh qam ix-xhud spjega li sab ruhu fin-nofs. Qal li r-ragel l-iehor kellu d-demm ma' wiccu. Qal li meta kuginuh qam mill-art ipprova jaghti daqqa lill-iehor izda ma laqtux. Qal li pprova jferraqhom u ra lil Fulvio jmur fuq il-persuna l-ohra u

ra li din il-persuna kellha d-demm. Huwa qal li ma rax x'gara biex il-persuna kellha d-demm ma' wiccha.

Semghet il-konfront bejn Emanuele Costa u Alessio Cotti Zelardi datata 7 ta' Mejju 2018 fejn Emanuele qal li meta hareg mill-karozza anki Alessio beda jaggredih. Emanuele qal li Fulvio qatt ma kien mal-art. Alessio rega' qal li Fulvio kien mal-art izda ma rax lil Emanuele fuqu.

Semghet ix-xhieda ta' Dr Jonathan Joslin datata 18 ta' Gunju 2018 fejn spjega li gie mharrek bhala espert biex jezamina lil Emanuele Costa u lil Fulvio Ripoli. Il-griehi ta' Emanuele gew klassifikati bhala gravi minhabba l-isfregju fuq il-wicc mentri Fulvio kellu ticrita superficjali (blunt injury). Ir-rapport gie esebit bhala Dok. JJ1.

Semghet ix-xhieda ta' Dr Mark Grech datata 18 ta' Gunju 2018 fejn spjega li kkonferma li c-certifikat esebit a fol. 50 gie mahrug minnu.

Semghet ix-xhieda ta' Alessio Cotti Zelati datata 18 ta' Gunju 2018 fejn rega' qal li kien ra lil kuginuh mal-art izda ma jafx kif spicca mal-art. Qal li jiftakar li l-iehor kellu wiccu bid-demm izda ma jafx kif garrab il-ferita. Qal biss li rahom wicc ma' wicc ma' xulxin.

Semghet ix-xhieda ta' Daniela DeRosa datata 18 ta' Gunju 2018 li qalet li l-ewwel nizlet Lucrezia mill-karozza u peress li hija u Fulvio bdew jillitikaw nizel Emanuele mill-karozza u bdew jargumentaw. F'hin minnhom l-imputat mar hdejn Emanuele u Lucrezia bdiet tghajjat lil Alessio biex izomm lil

Fulvio. Dak il-hin ix-xhud nizlet mill-karozza u rat lil Fulvio jipprova jaghti daqqa ta' ponn lil Emanuele li rnexxielu jwaqqfu fejn imbaghad Fulvio tah daqqa ta' ras. X'hin beda hiereg id-demm minn wicc Emanuele marru fil-karozza u telqu.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit datata 15 ta' Novembru 2018 fejn gharaf il-firem fuq l-istqarrija esebita bhala Dok. SZ4 u kif ukoll gharaf l-i*stills* li kien esebixxa. In kontroezami gie mistoqsi ghalfejn ma ressaqx lil Emanuele Costa minkejja li l-imputat talab li jitressaq, fejn wiegeb illi l-ferita li kellu Fulvio f'rasu kienet *self-inflicted* u cioe` giet minhabba li hu stess ta daqqa ta' ras lil Emanuele. L-Ispettur Zammit qal li Emanuele kien qallu li huwa hareg mill-karozza sabiex jikkalma s-sitwazzjoni.

Semghet ix-xhieda ta’ Fulvio Ripoli datata 29 ta’ April 2019 fejn spjega li kienet cemplitlu Lucrezia u giet tiltaqa’ mieghu. Mill-karozza nizlet biss Lucrezia ghall-ewwel u staqsietu fejn kienu c-cwievet. Huwa spjega li kien hallihom ghand kuginuh Alessio u qalilha biex tmur tigborhom bil-kwiet l-ghada minghadu peress li kienu hbieb sew. Qal li waqt li kien qed jghidilha hekk, nizel Emanuele mill-karozza b’attitudni aggressiva u gie fid-direzzjoni tieghu. L-imputat qal li dak il-hin ghamel mossa b’idejh biex Emanuele jallontana ruhu minn mieghu u minflok allontana ruhu Emanuele mar jaggredih. Qal li Emanuele mbuttah u b’mod instintiv huwa mbuttah lura fid-direzzjoni ta’ wiccu. Spjega li peress li Emanuele huwa ikbar minnu fl-istatura huwa spicca lura b’spallejh fuq camper meta mbuttah. Qal li hassu imprigunat u Emanuele kellu idejh fuq ghonqu. Qal li pprova jtih daqqa ta’ ponn izda Emanuele

mbuttah lura u ma laqtux. Bl-adrenalina u l-biza' li kellu fuqu l-imputat qal li ghamel qabza waqt li Emanuele kien qed jigbdu lura u laqtu lil xulxin ras ma' ras. Wara Emanuele tah daqqa ta' sieq u kien hemmhekk li telaq lill-imputat. Dak il-hin Emanuele u Lucrezia regghu telghu fil-karozza u telqu.

Semghet it-trattazzjoni tad-Difiza fejn saret referenza partikolari ghall-fatt li l-akkuzat ma kellu l-ebda intenzjoni jagixxi b'mod vjolenti kontra Emanuele Costa.

Illi huwa ben risaput oramaj illi biex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li

effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta tal-ghemil tieghu.

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara.

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** (Qorti tal-Magistrati (Malta), 9.07.2012) fejn gie kkonfermat dan il-punt u ntqal hekk:

> ***"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-***

***hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."***

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm huwa pacifiku illi fil-filmat prodott mill-prosekuzzjoni (Dok. SZ 8) jidher illi l-imputat qed jaghti daqqa bir-ras lill-parte civile Emanuele Costa, pero' huwa wkoll car illi dan gie pprovokat bl-agir tal-istess Costa li ried jindahal fid-diskussjoni bejn l-imputat u l-ex siehba tieghu billi hareg mill-karrozza u beda jaggredixxi lill-istess imputat. Illi x-xhieda tal-imputat taqbel perfettament ma' dak li din il-Qorti setghet tikkonstata minn dan il-filmat u cioe' illi Costa beda jaggredixxi lill-imputat, l-imputat ipprova jaghti daqqa ta'

ponn lill-parte civile li dan ma laqatx izda fejn dan Costa (li fizikament huwa hafna akbar mill-imputat li huwa persuna zghira bhala statura) beda jzomm mill-ispalla lill-imputat biex b'hekk f'dan il-punt li l-imputat ta s-salt u ta daqqa ta' ras lill-parte civile.

Fil-fatt kien f'dan il-punt li l-imputat jghid illi huwa kien imbezza' u ried b'xi mod jehles lilu nnifsu mill-parte civile fejn imbaghad wara li ta d-daqqa u b'hekk inheles huwa telaq jigri 'l hemm. Dan juri illi l-intenzjoni tal-imputat ma kinitx li jwegga' lill-parte civile izda biss li jinheles minnu. Ma kienx hemm l-ebda aktar konfrontazzjoni min-naha tieghu u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm eccess fid-difiza legittima tal-imputat.

Illi gie nnutat ukoll illi l-verzjoni tal-imputat giet ukoll ikkorroborata bil-fatt fejn huwa semma' li huwa ta xi daqqiet fuq il-karrozza tal-ex siehba tieghu izda li fuqu ma jinsabx akkuzat. L-imputat jghid illi meta mar biex jerga' jkellem lill-*ex* tieghu sabiex jerga' jkellimha fuq il-karrozza din f'daqqa wahda rriversjat u meta kien qed jiggestikola laqat il-mera. Minn imkien ma jidher li huwa ta' xi daqqiet fuq din il-karrozza hekk kif kienu semmew ix-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Illi ugwalment ma giex ippruvat li kien hemm xi theddid jew ingurji min-naha tal-imputat lejn il-parte civile.

Illi pero' t-tielet akkuza u cioe' l-ksur tal-buon ordni giet ippruvata ghaliex ghalkemm il-filmat kien bla awdjo din il-Qorti setghet tikkonstata li l-persuni kollha nvoluti fil-glieda

ghamlu dan f'nofs tat-triq tant li kien hemm nies li hargu jaraw x'kien qed jigri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Ripoli Fulvio hati biss tat-tielet (3) akkuza u tikkundannah ghal Reprimand u Ammenda filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**